**Ħrabtli**

Ingħalaq is-separju
Ta' ħajja wisq sabiħa,
Issakkart biċ-ċavetta
Qalb ħelwa, m'intx mistrieħa.

Taritlek dik l-imħabba
Li tant fuqha bla qjies ħlomt,
Ara ftit x'inqalgħalek
Għalkemm tlabt iljieli, somt.

'Mma l-bniedem hekk jaf jagħmel
Jiġri w jitkaxkar, xi jrid?
Lanqas hu stess ma jaħseb
Min tiegħu hu l-veru sid.

Imma int kont urejtni
Li ta' min jiftaħ qalbu,
Biss illum ngħid li ħassejt
Kelmet il-kotra: "Sallbu!"

U għax m'intix tant midħla
Ta' dak li tħoss, titħawwad,
Ma tagħrafx triq it-tama
Għalik ħajtek le twarrad.

Għalhekk għajnejk mudlama
Iqattru, iqattru d-dmugħ,
Trid kieku fis tingħata
'Mma l-intern tiegħek misluħ.

Kif se tinħall mir-rabta
Ta' ħajja 'l bogħod, bla kwiet,
Dejjem tinkwieta, tħammem
Tbiegħedt sewwa mill-barkiet.

Hekk, mad-daqqa t'għajn tiegħek
Fettillek titlaq w ħadtli,
L-isbaħ xewqa li kelli
Issa għebt, fis-skiet, ħrabtli.

Patri Mario Attard OFM Cap
12 ta' April 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.